

Brussell, 3 ta' Ġunju 2022  
(OR. en)

9826/22

RHJ 5

**NOTA**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

---

Suġġett: Relazzjonijiet mal-Ġordan

- Pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-14-il laqgħa tal-Kunsill ta'  
Assoċjazzjoni

(Amman, 2 ta' Ġunju 2022)

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-14-il Kunsill ta'  
Assoċjazzjoni UE-Ġordan.

**L-14-IL LAQGH TA' ASSOĊJAZZJONI UE-ĠORDAN  
(AMMAN, 2 TA' ĠUNJU 2022)**

**Dikjarazzjoni mill-Unjoni Ewropea**

1. Fl-okkażjoni tal-erbatax-il laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan, l-UE ttenni l-impenn tagħha li tkompli ssaħħaħ is-sħubija soda bejn l-UE u l-Ġordan. Il-prijoritajiet strateġiċi tal-UE għal Viċinat tan-Nofsinhar demokratiku, aktar stabbli, aktar ekoloġiku u aktar prosperu huma deskritti fil-Politika Ewropea tal-Viċinat Riveduta<sup>1</sup>, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-10 u l-11 ta' Diċembru 2020<sup>2</sup>, fl-Aġenda għall-Mediterran dwar Sħubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar tad-9 ta' Frar 2021 u fil-konklużjonijiet sussegwenti tal-Kunsill tas-16 ta' April 2021.<sup>3</sup>

2. **L-Unjoni Ewropea u l-Ġordan għandhom sħubija b'saħħitha u reċiproka.** Dan jidher mill-ħafna laqgħat, inkluż fl-oġġla livell, bejn il-Ġordan u l-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea sa minn Ġunju 2019, id-djalogi ta' livell għoli fil-kuntest ta' fora multilaterali u reġjonali, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan f'Mejju 2021 u l-laqgħat tas-Sottokumitat fl-2020 u l-2021 kif ukoll il-kopresidenza tal-Unjoni għall-Mediterran, li jenfasizzaw il-benefiċċju reċiproku tal-impenn sostnut tagħna.

3. Il-Prijoritajiet tas-Sħubija jinkorporaw l-oġġettivi tal-Aġenda **għall-Mediterran** il-ġdida, ambizzjuża u innovattiva, stabbiliti fil-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli dwar il-Viċinat tan-Nofsinhar. Din tappoġġa l-implimentazzjoni effiċjenti u f'waqtha ta' inizjattivi ewlenin tal-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment<sup>4</sup> li ser isaħħu s-sħubija tal-UE mal-Ġirien tan-Nofsinhar, inkluż il-Ġordan, u jgħinu fil-protezzjoni tal-beni komuni tagħna fil-Mediterran. L-Aġenda l-ġdida toffri opportunitajiet għal sħubijiet ġodda dwar prijoritajiet strateġiċi tat-tranżizzjoni ekoloġiċi u diġitali li ser jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà, il-prosperità u r-reżiljenza.

---

<sup>1</sup> JOIN(2015) 50 final tat-18.11.2015.

<sup>2</sup> EUCO 22/20.

<sup>3</sup> JOIN(2021) 2 final.

<sup>4</sup> Komunikazzjoni Konġunta "Sħubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar - Aġenda Ġdida għall-Mediterran" – JOIN(2021)2 final tad-9.2.2021

4. Bil-ħsieb li tkompli tissaħħaħ ir-relazzjoni solida u multidimensjonali, il-Prijoritajiet tas-Sħubija jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan, li ser jiggwida s-sħubija. **Il-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Ġordan huma espressjoni ta' sjieda konġunta u jinkorporaw l-għanijiet kondiviżi tagħna ta' żona komuni ta' paċi, demokrazija u drittijiet tal-bniedem, stat tad-dritt, prosperità u stabbiltà.** Dawn joffru l-qafas għall-impenn politiku u operazzjonali kontinwu u msaħħaħ tagħna, filwaqt li jippermettu flessibbiltà għal adattament għaċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu.

5. Għalhekk, l-UE u l-Ġordan jimpenjaw ruħhom li jkomplu japprofondixxu d-djalogu tagħhom u l-kooperazzjoni tagħhom madwar it-tliet **objettivi li jsaħħu lil xulxin riflessi fil-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Ġordan 2021-2027:** 1) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar l-istabbiltà u s-sigurtà reġjonali, inkluż il-ġlieda kontra t-terroriżmu; 2) il-promozzjoni ta' stabbiltà ekonomika sostenibbli, it-ktabbir ekoloġiku, diġitali, inklużiv u bbażat fuq l-għarfien, il-kwalità tal-edukazzjoni u l-ħolqien ta' impjiegi deċenti; u 3) it-tisħiħ tal-governanza tajba, l-istat tad-dritt, ir-riforma demokratika u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Ser isir ukoll sforz għal kooperazzjoni dwar għadd ta' **prijoritajiet trasversali** bħall-migrazzjoni u l-mobbiltà, inkluż l-implimentazzjoni ulterjuri tas-Sħubija għall-Mobbiltà. L-UE ser tkompli tagħti prijorità lill-irkupru wara l-COVID-19 u lill-inklużjoni ekonomika, soċjali u politika tal-gruppi vulnerabbli, iż-żgħażaġh u n-nisa fl-oqsma differenti ta' involviment mal-Ġordan. F'dan il-kuntest, l-UE ttenni l-impenn tagħha li tassisti lill-Ġordan fl-għoti ta' appoġġ lir-refuġjati li qed ifittxu protezzjoni fil-Ġordan u fit-tisħiħ tar-reżiljenza tal-Ġordan.

6. **Il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni Ewropea għall-perjodu mill-2019 sal-2024** (Aġenda Strateġika ġdida 2019-2024 għall-Unjoni<sup>5</sup>), li jservu biex jindirizzaw l-isfidi ewlenin li qed tiffaċċa l-UE, jinkludu t-trasformazzjoni tal-UE f'ekonomija moderna, newtrali għall-klima, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva (il-Patt Ekoloġiku Ewropew); il-migrazzjoni, it-tħaddin tat-trasformazzjoni diġitali permezz ta' investiment fin-negozju, ir-riċerka u l-innovazzjoni; it-tisħiħ tar-relazzjonijiet tal-UE mal-pajjiżi u s-sħab ġirien; u r-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt madwar id-dinja. Dawn il-prijoritajiet ser isawru wkoll il-kooperazzjoni tal-UE mal-Ġordan.

7. L-UE u l-Ġordan ser jibnu fuq is-sħubija tagħhom. L-UE tirrikonoxxi l-importanza ta' u tinsab lesta li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-aġendi ta' riforma politika u ekonomika tal-Ġordan f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Irjali għall-Modernizzazzjoni tas-Sistema Politika, il-Viżjoni u l-Istrateġija Nazzjonali "Ġordan 2025" u l-Programm Eżekuttiv Indikattiv tal-Gvern għall-2021-2024 (GIEP).

---

<sup>5</sup> EUCO 9/19 tal-20.06.2019

8. **Fis-Sitt Konferenza ta' Brussell dwar il-Futur tas-Sirja u r-Reġjun**, ospitata mill-Unjoni Ewropea fl-10 ta' Mejju 2022, l-UE tenniet ir-rikonoxximent, fisem il-komunità internazzjonali, tal-ġenerożità straordinarja tal-poplu u tal-awtoritajiet tal-Ġordan biex jipprovdu refuġju lir-refuġjati Sirjani. L-UE tenni li l-kondizzjonijiet għar-ritorn tar-refuġjati b'mod sikur, dinjituż u volontarju, f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-istandards tan-NU, mhumiex fis-seħħ. L-UE ser tkompli tappoġġa lill-Ġordan fl-approċċ olistiku tiegħu għall-kriżi tar-refuġjati, filwaqt li tiegħu nota tal-komponenti tad-dimensjoni esterna tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea: Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil<sup>6</sup>, u fil-massimizzazzjoni tal-impatt, inkluż f'termini tal-impenni reċiproċi ewlenin minn din il-konferenza u mill-konferenzi tal-passat. L-UE ser tkompli tassisti lill-Ġordan fl-għoti ta' appoġġ lir-refuġjati u lill-komunitajiet ospitanti vulnerabbli li jfittxu protezzjoni u assistenza fil-Ġordan u, fl-istess ħin, fit-tisħiħ tar-reżiljenza u l-koeżjoni soċjali tal-Ġordan, inkluż impenn kontinwu fil-mitigazzjoni tal-effetti tal-pandemija tal-COVID-19. L-UE u l-Ġordan ser ikompli jaħdmu fuq soluzzjonijiet dejjiema għar-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti permezz ta', fost l-oħrajn, aktar appoġġ għal approċċi nazzjonali inklużivi fit-tfassil tal-politika u l-ipprogrammar f'termini ta' aċċess għal opportunitajiet ta' xogħol, servizzi soċjali, edukazzjoni, għajxien u awtodipendenza. Fil-fehma komuni tagħna, dan ser jippermetti approċċi inklużivi aktar sostenibbli u jikkontribwixxi għal ekonomija u soċjetà aktar reżiljenti.

9. **Fil-Ħames Konferenza ta' Brussell fl-2021**, il-komunità internazzjonali wegħdet EUR 5.3 biljun għall-2021 u lil hinn. Minn dan l-ammont, EUR 3.7 biljun ġew imħabbra mill-UE, b'EUR 1.12 biljun mill-Kummissjoni Ewropea u EUR 2.6 biljun mill-Istati Membri tal-UE. L-UE kollha kemm hi tibqa' l-akbar donatur, b'EUR 24.9 biljun f'għajjnuna umanitarja, assistenza għall-istabbilizzazzjoni u għar-reżiljenza mobilizzati b'mod kollettiv mill-bidu tal-kriżi fl-2011 biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tagħha. Mill-bidu tal-kriżi fis-Sirja 'l hawn, l-UE allokat kważi EUR 3.5 biljun lill-Ġordan, li minnhom EUR 1.2 biljun kienu b'rispons għall-kriżi fis-Sirja inkluż f'għajjnuna umanitarja u appoġġ għar-reżiljenza tal-komunitajiet ospitanti vulnerabbli u r-refuġjati mis-Sirja, b'mod partikolari permezz tal-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'rispons għall-Kriżi fis-Sirja, u madwar EUR 1.3 biljun f'assistenza bilaterali.

10. L-UE tibqa' impenjata bis-sħiħ li tappoġġa politikament u finanzjarjament lill-**Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati tal-Palestina** (UNRWA), li hija essenzjali fir-rispons għall-ħtiġijiet tar-refuġjati Palestinjani b'rabta mal-iżvilupp tal-bniedem u l-protezzjoni. F'dan ir-rigward, l-UE u l-UNRWA ffirmaw Dikjarazzjoni Konġunta fis-17 ta' Novembru 2021<sup>7</sup>. L-UE tapprezza ħafna r-rwol tal-Ġordan fl-għoti ta' appoġġ sostenibbli lill-UNRWA kif ukoll fl-ospitar tar-refuġjati Palestinjani u tal-kwartieri ġenerali tal-UNRWA. L-UE tinnota wkoll li s-sitwazzjoni tar-refuġjati Palestinjani u tal-UNRWA nnifisha għadha diffiċli. L-UE tirrikonoxxi u tapprezza ħafna l-kontribut kruċjali tal-Ġordan għaż-żamma tas-sigurtà, l-istabbiltà u l-iżvilupp fir-reġjun, kif enfasizzat mill-impenn tradizzjonali tiegħu għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani u l-isforzi tiegħu biex itaffi l-konsegwenzi umanitarji tal-kriżijiet fis-Sirja, fl-Iraq u fil-Libanu.

<sup>6</sup> COM (2020) 609 final tat-23.09.2020

<sup>7</sup> Dikjarazzjoni konġunta bejn l-UE u l-UNRWA dwar l-appoġġ tal-UE għall-UNRWA (2021-2024).

11. L-UE tfaħħar l-isforzi tal-Ġordan fir-rispons għall-COVID-19 fil-qasam tas-saħħa, inkluż fir-rigward tar-refuġjati ospitati mill-Ġordan. L-UE appoġġat il-pjan nazzjonali **ta' tħejjija u ta' rispons għall-COVID-19** fil-Ġordan, li jikkontribwixxi għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli billi jappoġġa l-għoti ta' servizzi ta' kura tas-saħħa ta' kwalità, ekwi u affordabbli lir-refuġjati Sirjani u lill-Ġordaniżi vulnerabbli, u jassisti lill-Ministeru għas-Saħħa biex jindirizza l-pandemija. L-UE assistiet lill-Ministeru għas-Saħħa fl-akkwist ta' vaċċini ta' immunizzazzjoni ta' rutina għal 20 % tal-popolazzjoni li tgħix fil-Ġordan, għas-sena 2021. L-UE appoġġat l-akkwist ta' 438,000 doża ta' vaċċini kontra l-COVID-19 permezz tal-Faċilità COVAX iffinanzjata mill-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'Rispons għall-Kriżi Sirjana, li jagħmel lill-Ġordan wieħed mill-ewwel pajjiżi fid-dinja li beda t-tilqim kontra l-COVID-19 għar-refuġjati. **Biex tgħin lill-Ġordan jindirizza l-impatt tal-pandemija**, l-UE għamlet disponibbli EUR 418 miljun għar-rispons ta' emerġenza, it-tisħiħ tas-sistema tal-kura tas-saħħa kif ukoll biex jiġi indirizzat l-impatt soċjoekonomiku. L-UE tħeġġeġ lill-Ġordan biex jakkumpanja l-laxkar tar-restrizzjonijiet tal-COVID-19 fis-setturi ekonomiċi bit-tneħħija rapida tal-Ordinijiet tad-Difiża.

12. Fir-rigward tal-**aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna**<sup>8</sup>, l-UE kkundannat bl-aktar mod qawwi possibbli din l-aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata, li qed tikser b'mod serju d-dritt u l-prinċipji internazzjonali tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u timmina s-sigurtà u l-istabbiltà Ewropej u globali. L-UE teżiġi li r-Russja twaqqaf l-azzjoni militari tagħha immedjatament, tirtira mingħajr kondizzjonijiet il-forzi u t-tagħmir militari kollu mit-territorju kollu tal-Ukrajna, u tirrispetta bis-sħiħ l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment. L-UE tiddeplora t-telf traġiku ta' ħajjiet u t-tbatija umana kkawżati mill-aggressjoni Russa. L-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna ġegħlet lil miljuni ta' nies jaħarbu minn djarhom.

12bis. F'dan l-isfond, l-UE tilqa' l-appoġġ tal-Ġordan għar-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tat-2 ta' Marzu 2022<sup>9</sup> u l-24 ta' Marzu 2022<sup>10</sup> li jeżiġu li r-Russja ttemm immedjatament l-aggressjoni militari tagħha kontra l-Ukrajna, u li jappellaw għall-protezzjoni ċivili u l-aċċess umanitarju fl-Ukrajna. L-UE hija konvinta li l-Ġordan ser ikompli jagħti l-appoġġ tiegħu f'fora multilaterali f'dan ir-rigward u tħeġġeġ lill-Ġordan jikkundanna l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.

13. L-UE hija mħassba dwar id-diżinformazzjoni sponsorjata mill-istat Russu u l-manipulazzjoni massiva tal-informazzjoni użata biex tiġġustifika u tappoġġa l-aggressjoni militari tagħha kontra l-Ukrajna u biex iddgħajjef il-pożizzjoni tal-UE dwar din il-kwistjoni, billi timmira lejn is-soċjetajiet tal-UE u tal-pajjiżi ġirien, u tfixxkel u timmanipula l-fatti b'mod gravi. Huwa ta' tħassib kbir li narrattivi foloz favur il-Kremlin qed jinfirxu b'mod intensiv fil-media u n-networks soċjali bil-lingwa Għarbija fir-reġjun MENA kollu, inkluż fil-Ġordan. L-UE tinsab lesta li tikkondividi mal-Ġordan u s-sħab kollha l-prattiki u l-għarfien espert tagħha fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni favur il-Kremlin.

<sup>8</sup> EUCO 18/22 tal-24.02.2022 u EUCO 1/22 tal-25.03.2022.

<sup>9</sup> Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti GA/12407 tat-02.03.2022.

<sup>10</sup> Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti GA/12411 tal-24.03.2022.

***Tisħiħ tal-Kooperazzjoni dwar l-Istabbiltà u s-Sigurtà Reġjonali, inkluż il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu***

14. L-UE ttenni l-apprezzament tagħha għar-rwol diplomatiku attiv tal-Ġordan, inkluż l-involviment kostruttiv u effettiv tiegħu fi ħdan in-**Nazzjonijiet Uniti**, għall-benefiċċju tal-ġid globali, il-multilateraliżmu u l-ordni bbażat fuq ir-regoli. L-UE u l-Ġordan huma sħab sodi fil-politika estera u ta' sigurtà u ser jimmiraw li jsaħħu l-kooperazzjoni dwar l-istabbiltà u s-sigurtà reġjonali, inkluż il-ġlieda kontra t-terroriżmu.

15. L-UE tfaħħar ir-rwol kostruttiv li l-Ġordan ilu jaqdi sa mill-2012 bħala kopresident tal-Unjoni għall-Mediterran (UgħM). L-UE u l-Ġordan ser ikomplu jaħdmu flimkien b'mod kostruttiv bħala kopresidenzi tal-Unjoni għall-Mediterran biex irawmu sħubija b'saħħitha fil-Mediterran kollu. L-UgħM żiedet is-sjieda u żviluppat soluzzjonijiet sinifikanti biex jiġu indirizzati l-isfidi komuni u biex jinħolqu opportunitajiet komuni foqasma kruċjali bħall-ġestjoni tal-ambjent u tal-ilma, il-ħolqien ta' impjiegi deċenti, l-inklużjoni taż-żgħażaġh u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa.

16. L-UE tirrikonoxxi **r-rwol strateġiku tal-Ġordan għall-istabbiltà tar-reġjun** u ser tkompli tikkoordina b'mod attiv mal-Ġordan fl-isforzi favur riżoluzzjoni ġusta u komprensiva tal-konflitt bejn Iżrael u l-Palestina, abbażi ta' soluzzjoni ta' żewġ stati li ttemm l-okkupazzjoni, bl-Istat ta' Iżrael u Stat tal-Palestina indipendenti, demokratiku, kontigwu, sovrani u vijabbli, li jgħixu maġenb xulxin f'paċi u sigurtà u li jirrikonoxxu lil xulxin, b'Ġerusalemm bħala l-belt kapitali futura taż-żewġ stati. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jirrispettaw il-konsensus internazzjonali dwar Ġerusalemm inkorporat fir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU), inkluż fil-UNSCR 478, sakemm jiġi solvut l-istatus finali ta' Ġerusalemm. L-UE tfakkar fit-tifsira speċifika tas-Siti Mqaddsa u tappella bis-saħħa favur iż-żamma tal-istatus quo stabbilit fl-1967 għal Haram al-Sharif/l-Għolja tat-Tempju f'konformità mal-ftehimiet preċedenti u fir-rigward tar-rwol speċjali tal-Ġordan, rrikonoxxut ukoll fit-trattat ta' paċi bejn il-Ġordan u Iżrael tal-1994.

16bis. L-UE tilqa' l-kooperazzjoni trilaterali bejn il-Ġordan, l-Eġittu u l-Iraq u l-kontribut tagħha għall-istabbiltà reġjonali.

17. L-UE tikkonferma mill-ġdid l-imperattiv ta' soluzzjoni politika vijabbli, kredibbli u inklużiva għall-**kriżi fis-Sirja** f'konformità mal-Komunikat ta' Ġinevra u l-aspetti kollha tar-Riżoluzzjoni 2254 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u ser tkompli taħdem mal-Ġordan lejn l-implimentazzjoni tagħha. Fl-24 ta' Jannar 2022, il-Kunsill Affarijiet Barranin tal-UE tenna li l-ebda normalizzazzjoni, tneħħija ta' sanzjonijiet jew rikostruzzjoni ma tkun possibbli sakemm ir-reġim Sirjan jinvolve ruħu f'soluzzjoni politika tal-konflitt. L-UE tkompli titlob li jiġi rispettata il-ftehim ta' deskalazzjoni fil-Majjistral, l-istabbiltà fin-Nofsinhar tas-Sirja, li hija kruċjali għall-Ġordan, il-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili u l-aċċess umanitarju bla xkiel, sikur u sostenibbli. L-UE tappella wkoll għall-istabbilizzazzjoni tal-Grigal tas-Sirja u tfakkar fl-impenn sħiħ tagħha fil-ġlieda kontra l-qawmien mill-ġdid tad-Da'esh permezz tal-azzjoni tal-Koalizzjoni Globali kontra d-Da'esh. It-tnaqqis tal-vjolenza ser jikkontribwixxi biex jiġi appoġġat il-proċess politiku ffaċilitat min-NU f'Ġinevra sabiex tinstab soluzzjoni dejjiema għall-konflitt. L-UE tirrikonoxxi t-tħassib tal-Ġordan dwar is-sigurtà, speċjalment b'rabta mal-kuntrabandu tad-droga. Fl-istess ħin, l-UE tkompli tappoġġa l-isforzi tal-Mibgħut Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti Pedersen, inkluż għall-politika proposta tiegħu "steps-for-steps".

17bis. Filwaqt li tirrikonoxxi d-dritt tar-refuġjati Sirjani li jirritornaw b'mod sikur, volontarju u dinjituż lejn djarhom meta jkunu fis-seħħ il-kondizzjonijiet għar-ritorn stipulati mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR), l-UE ser tkompli tippromwovi l-kooperazzjoni fir-reġjun fl-interess tas-Sirjani kollha. L-UE tinnota li għalissa, minħabba l-ksur kontinwu tad-dritt umanitarju internazzjonali u ksur ieħor tad-drittijiet tal-bniedem, tali kondizzjonijiet għar-ritorn tar-refuġjati f'konformità mad-dritt internazzjonali mhumiex fis-seħħ. L-UE tagħraf ir-rwol kruċjali tal-Ġordan flimkien ma' pajjiżi oħra biex jospitaw lir-refuġjati Sirjani li ħarbu mill-konflitt u tfaħħar lill-gvern u lill-poplu tal-Ġordan li laqgħu u ospitaw lis-Sirjani għal tant snin. L-UE tteġġeg lill-Ġordan biex ikompli jadotta approċċ inklużiv fl-ospitar ta' refuġjati Sirjani.

18. L-UE tinnota li l-Ġordan għadu espost għal theddid mit-**terroriżmu** u l-estremiżmu vjolenti. L-UE tilqa' l-approċċ multidimensjonali tal-Ġordan, inkluż l-involviment fil-Koalizzjoni Globali kontra d-Da'esh, li minkejja li tilef id-dimensjoni territorjali tiegħu, ikompli jopera fil-forma ta' ribelljoni fl-Iraq, is-Sirja u, permezz tal-affiljazzjonijiet tiegħu, f'żoni oħra tad-dinja, fl-Afrika u fl-Asja. L-UE tapprezza wkoll ir-rwol tal-Ġordan fil-promozzjoni tal-Prevenzjoni tal-Estremiżmu Vjolenti fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti. L-UE tfaħħar lill-Ġordan, u b'mod partikolari lill-Majestà Tiegħu r-Re Abdullah II, għall-inizjattiva "Proċess ta' Aqaba" u l-impenn tiegħu għall-Appell għall-Azzjoni ta' Christchurch. L-UE ttenni l-pożizzjoni tagħha li l-miżuri kollha ta' kontra t-terroriżmu jridu jitwettqu f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt internazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-dritt umanitarju u d-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati<sup>11</sup>.

---

<sup>11</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-azzjoni esterna tal-UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, tal-15.06.2020 8868/20.

19. L-UE u l-Ġordan ser ikompli jaħdmu flimkien fuq il-prevenzjoni u l-**għieda kontra l-estremiżmu vjolenti** b'mod partikolari fost iż-żgħażaġh u t-tfal. L-UE tteġġegħ lill-Ġordan biex jindirizza kontinwament l-ixpruni tar-radikalizzazzjoni permezz ta' approċċ tas-soċjetà fl-intier tagħha. L-UE tappella lill-Ġordan biex isaħħaħ il-qafas regolatorju u istituzzjonali tiegħu biex jipprevjeni u jiġġieled kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu biex jirrimedja malajr in-nuqqasijiet identifikati mit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) f'Ottubru 2021 u biex jikkonforma mal-istandards internazzjonali Kontra l-ħasil tal-Flus (AML)/Kontra l-finanzjament tat-terroriżmu (CFT). L-UE ser tkompli tassisti lill-Ġordan f'dak ir-rigward u tipprovdi assistenza teknika u għarfien espert permezz tal-Faċilità Globali għall-AML/CFT bil-ħsieb li l-Ġordan jitneħħa malajr mil-lista. L-UE tteġġegħ lill-awtoritajiet tal-Ġordan biex jinvolvu ruħhom fin-negozjati mal-Europol dwar Arranġament ta' Ħidma, sabiex tiġi ffaċilitata kooperazzjoni strutturata, kif ukoll jibdeu negozjati mal-Kummissjoni Ewropea dwar Ftehim internazzjonali li jippermetti lill-Europol u lill-Ġordan jiskambjaw data personali.

20. L-UE hija impenjata biex issaħħaħ l-appoġġ tagħha għall-Ġordan dwar il-kwistjonijiet kollha marbuta mal-**ġestjoni integrata tal-fruntieri**, inkluż bil-ħsieb li jiġu stabbilizzati l-fruntieri esterni tal-Ġordan u jiġi miġġieled it-theddid reġjonali tat-traffikar tad-droga f'konformità mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-dritt umanitarju u d-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati. L-UE u l-Ġordan ser ikompli l-kooperazzjoni tagħhom fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni.

### ***Il-promozzjoni tal-Istabbiltà Ekonomika Sostenibbli, Tkabbir Ekoloġiku, Diġitali, Inklużiv u Ibbażat fuq l-Għarfien, il-Kwalità tal-Edukazzjoni u l-Ħolqien ta' Impjiegi Deċenti***

21. **Il-pandemija tal-COVID-19** żiedet aktar pressjoni fuq is-setturi tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tal-ekonomija. L-UE ser tkompli taħdem mal-Ġordan fl-isforz tiegħu ta' rkupru wara l-kriżi, filwaqt li tenfasizza trasformazzjoni ekoloġika u diġitali, iżżid ir-reżiljenza u toħloq prosperità u opportunitajiet ta' xogħol deċenti b'mod inklużiv. Fis-16 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni Ewropea adottat deċiżjoni ta' implimentazzjoni li tirrikonoxxi ċ-ċertifikati tal-vaċċinazzjoni tal-Ġordan bħala ekwivalenti, u torbot il-pajjiż mas-sistema taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

22. L-UE tinkoraġġixxi lill-Ġordan biex jimplementa b'mod effettiv ir-riformi ekonomiċi u amministrattivi, u ttenni l-appoġġ tagħha għal dan il-għan, u r-rieda tagħha li taħdem mill-qrib mad-donaturi Ewropej u l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali sabiex tkompli tikkoordina u tallinja l-appoġġ kollettiv biex tgħin lill-Ġordan jikseb progress f'waqt u konkret **fil-prijoritajiet ta' riforma** tiegħu. Barra minn hekk, għal dan il-għan, għandu jittieħed vantaġġ sħiħ mit-tipi differenti ta' opportunitajiet ta' assistenza finanzjarja disponibbli mill-UE lis-sħab tal-viċinat tagħha.

23. L-UE thegġegħ lill-Ġordan biex jimplementa, permezz ta' koordinazzjoni interministerjali msaħħa u bl-appoġġ kontinwu tal-UE, ir-riformi strutturali l-aktar meħtieġa li jiffukaw fuq l-għoti ta' servizz pubbliku mtejjeb u l-ġestjoni mtejba tar-riżorsi, ir-responsabbiltà u t-trasparenza u fuq it-tiżiħ tal-ambjent tan-negozju u tal-investment u l-ħolqien tal-impjiegi b'mod partikolari għaż-żgħażaġh u n-nisa, inkluż f'setturi bbażati fuq l-għarfien. Is-sigurtà soċjali, il-kondizzjonijiet tax-xogħol u l-paga deċenti huma aspetti essenzjali tal-protezzjoni tal-għajxien u tat-tiżiħ tas-settur privat u tal-investimenti; dan għandu jiġi rifless fl-emendi li ġejjin tal-liġi tax-xogħol.

24. L-UE tfaħħar u tappoġġa inizjattivi biex tiżdied il-**parteċipazzjoni tan-nisa** fl-isfera pubblika, inkluż fis-settur ekonomiku u x-xena politika fil-livell lokali u nazzjonali, inkluż biex tiżdied il-preżenza tagħhom fil-forza tax-xogħol u fost dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, filwaqt li jieħu nota tal-Komunikazzjoni Konġunta dwar Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Għoti tas-Setgħa lin-Nisa fl-Azzjoni Esterna 2021-2025<sup>12</sup>. Dan jirrappreżenta pass importanti fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u x'aktarx iżid il-livell tal-attività ekonomika u jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku tal-Ġordan. L-UE tinnota l-importanza partikolari tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tal-ħidma tal-attivisti fl-appoġġ għad-drittijiet tan-nisa u fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri. L-UE tilqa' l-Istrateġija Nazzjonali għan-Nisa fil-Ġordan 2020-2025 u l-emendi Kostituzzjonali tal-2022, u thegġegħ lill-Ġordan biex ikompli javvanza l-ugwaljanza tad-drittijiet, il-parteċipazzjoni ekonomika u t-tiżiħ tal-pożizzjoni soċjali tan-nisa. L-UE tappella lill-Ġordan u tinsab lesta li tappoġġa lill-Ġordan fl-isforz tiegħu biex jippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż permezz ta' avvanzi fil-qafas leġiżlattiv, l-implimentazzjoni Prattika tal-liġijiet nazzjonali kif ukoll ir-riformi fis-suq tax-xogħol li jindirizzaw l-ostakli għall-impjeg tan-nisa u ż-żgħażaġh.

25. Wara ż-żewġ programmi ta' **Assistenza Makrofinanzjarja (MFA)** ta' suċċess mal-Ġordan ta' EUR 180 miljun u EUR 200 miljun, li ġew żborżati kompletament fl-2015 u l-2019, rispettivament, l-UE għamlet disponibbli EUR 700 miljun f'MFA lill-Ġordan fl-2020. Dan l-ammont jinkludi EUR 200 miljun addizzjonali minħabba l-pandemija tal-COVID-19, fuq l-MFA-III diġà maqbula ta' EUR 500 miljun, bħala parti mill-appoġġ miżjud tal-UE lill-Ġordan. L-ewwel żewġ porzjonijiet ta' EUR 250 miljun kull wieħed ġew żborżati f'Novembru 2020 u Lulju 2021, rispettivament. It-tielet porzjon ta' EUR 200 miljun jibqa' disponibbli sa April 2023. L-MFA tiddependi fuq sett ta' miżuri ta' riforma strutturali fl-oqsma tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, l-utilitajiet, il-politika soċjali u tas-suq tax-xogħol, u l-governanza, li ġew miftiehma mal-awtoritajiet tal-Ġordan f'Memorandum ta' Qbil. Dan huwa importanti biex jithegħgu riformi li jagħmlu l-ekonomija tal-pajjiż aktar reżiljenti u kapaċi tindirizza l-isfidi li qed jiffaċċa.

<sup>12</sup> Komunikazzjoni Konġunta JOIN(2020) 17 final tal-25.11.2020.

26. L-UE ser tkompli trawwem **it-tisħiħ tar-relazzjonijiet bilaterali kummerċjali u ta' investiment** mal-Ġordan, b'hal mezz importanti ta' investiment, tkabbir u ħolqien tal-impjiegi. L-UE ser tkompli tappoġġa lill-Ġordan fl-isforzi tiegħu biex itejjeb l-andament tal-esportazzjoni tiegħu billi tingħata spinta lill-kapaċità ta' esportazzjoni u l-kompetittività tiegħu b'mod ġenerali u billi jinkiseb livell ta' integrazzjoni ikbar fil-katini ta' valur globali. Għal dan il-għan, l-UE ser tappoġġa lill-Ġordan fl-isforzi tiegħu li jgħin lill-produtturi Ġordani biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tekniċi, sanitarji u fitosanitarji speċifiċi, u b'hekk jippermetti lill-operaturi tan-negozju jisfruttaw aħjar l-aċċess preferenzjali għas-suq tal-UE li diġà jgawdi minnu l-Ġordan. Filwaqt li tfakkar fl-importanza tal-implimentazzjoni xierqa taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles stabbilita skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, inkluż billi jiġi żgurat ambjent regolatorju trasparenti u prevedibbli għall-operaturi ekonomiċi, l-UE tinsab lesta li tesplora ideat għal passi addizzjonali biex tiffaċilita b'mod reċiproku l-kummerċ u l-investiment bilaterali, inkluż l-approfondiment taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles eżistenti.

27. L-UE tfaħħar lill-Ġordan għall-isforzi tiegħu biex jiffaċilita l-aċċess u l-parteċipazzjoni tar-refuġjati fis-suq tax-xogħol formali b'mod inklużiv u tinkoraġġixxih biex ikompli b'dawn l-isforzi. L-UE tilqa' l-progress kbir miksub fir-reġistrazzjoni ta' rekord ta' 62,000 permess tax-xogħol lir-refuġjati Sirjani fl-2021 u tappella lill-Ġordan biex jeżamina l-possibbiltà li jinfetħu setturi addizzjonali li jippermettu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol li tkun ta' benefiċċju reċiproku. L-UE tħeġġeġ ukoll lill-Ġordan biex ikompli bl-isforzi tiegħu biex inaqqas l-għadd ta' refuġjati mingħajr dokumenti. L-UE tħeġġeġ lill-Ġordan biex jintensifika l-isforzi biex ikompli l-implimentazzjoni tal-iskema ta' regoli tal-orġini aktar flessibbli, jirreklama l-benefiċċji tagħha mal-investituri potenzjali fis-settur privat, u jagħmel progress f'aktar inizjattivi ġenerali biex titjeb il-klima ta' investiment, li x'aktarx li jkollha riperkussjonijiet pożittivi aktar estensivi għall-ekonomija lil hinn mill-inizjattiva dwar ir-regoli tal-orġini. L-UE tibqa' lesta li tesplora, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet tal-Ġordan, mezzi oħra li jistgħu jitkejlu li jikkorrispondu għall-impjiegi fil-qafas tal-iskema, filwaqt li jitqiesu kondizzjonijiet tax-xogħol ġusti.

28. L-UE ser tkompli tipprovdi appoġġ għall-politiki u l-programmi mfassla biex itejbu l-aċċess għall-**edukazzjoni u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali adattati għas-swieq tax-xogħol** u l-kwalità tagħhom, filwaqt li żżid l-enfasi fuq il-ħsieb analitiku, l-intraprenditorija, l-iżvilupp tas-settur privat u t-teknoloġiji l-ġodda, b'mod partikolari bil-ħsieb li ssaħħaħ l-opportunitajiet ta' impjieg għaż-żgħażagħ.

29. Fl-istess spirtu, ser isir sforz favur iktar **mobbiltà tal-istudenti u l-persunal** kif ukoll proġetti ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet permezz tal-programm Erasmus+ u ta' programmi oħrajn. L-UE tilqa' b'mod partikolari s-suċċess tal-universitajiet Ġordani fil-fergħa tat-Tisħiħ tal-Kapaċitajiet tal-programm Erasmus+ sal-2020, u tistenna b'interess livell tajjeb ta' parteċipazzjoni fil-programm il-ġdid mill-2021, li ser joffri wkoll opportunitajiet għal kooperazzjoni bejn l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali Ġordani u Ewropej kif ukoll l-organizzazzjonijiet taż-Żgħażagħ.

30. L-UE ser tibqa' taħdem mill-qrib mal-Ġordan biex tgħin li jiġi żgurat li t-tfal kollha, bniet u subien, li jgħixu fil-pajjiż mingħajr eċċezzjoni jkollhom opportunitajiet indaqs biex jattendu l-iskola u jirċievu **edukazzjoni bażika ta' kwalità**. L-UE pprovdiet appoġġ importanti biex jinbnew l-iskejjel, biex l-istudenti Sirjani jitħallew ikunu irreġistrati fis-sistema edukattiva formali kif ukoll biex jiġu impjegati u mħarrġa l-ġhalliema. L-UE tinsab lesta li tappoġġa l-isforzi biex jiġi żviluppat u mmodernizzat il-kurrikulu tal-edukazzjoni, inkluż fid-dawl tal-emendi kostituzzjonali, u b'mod partikolari biex tippromwovi l-edukazzjoni ċivika tat-tfal, biex tippreparahom biex ikunu ċittadini attivi u responsabbli, u b'hekk takkumpanja l-isforzi biex tiġi mmodernizzata s-sistema politika fil-Ġordan.

31. L-UE tibqa' impenjata li ttejjeb l-integrazzjoni tar-**riċerka u l-innovazzjoni** fl-edukazzjoni u fil-programmi tal-edukazzjoni u t-taħriġ tekniku u vokazzjonali (TVET), kif ukoll fl-investment mis-settur pubbliku u minn dak privat. Il-kooperazzjoni akbar bejn iċ-ċentri tar-riċerka u l-innovazzjoni u l-impriżi żgħar u ta' daqs medju ser ikollha effett pożittiv fuq il-kompetittività tal-Ġordan. L-UE tteġġeg lill-Ġordan biex jagħmel użu sħiħ minn Orizzont Ewropa u mill-inizjattivi ta' mobbiltà u sħubija b'rabta mar-riċerka, kif ukoll biex jingħaqad mal-programm Ewropa Kreattiva tal-UE.

32. L-UE tilqa' l-firma fil-11 ta' Diċembru 2018 tal-Arranġament ta' Implimentazzjoni għall-parteċipazzjoni tal-Ġordan fis-**Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA)**, li tippermetti lill-Ġordan jintegra aġenda ambizzjuża għal riċerka ffinanzjata b'mod konġunt fl-oqsma ewlenin tal-ġestjoni tal-ilma u r-relazzjoni tiegħu mal-agrikoltura u l-produzzjoni tal-ikel.

33. L-UE tilqa' l-interess tal-Ġordan fil-kooperazzjoni spazjali inkluż fis-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja (EGNOS)/Galileo, u tistenna b'interess li tidħol f'negozjati għall-estensjoni tal-kopertura tal-EGNOS għall-Ġordan u r-reġjun aktar wiesja'.

34. L-UE tilqa' l-progress sinifikanti tal-Ġordan fl-implimentazzjoni tal-Kontribut Stabbilit fil-Livell Nazzjonali tiegħu. Il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima tibqa' prijorità ewlenija għall-UE. Il-miżuri adottati s'issa, inkluż il-Pjan għat-Tkabbir Ekoloġiku, jirrappreżentaw passi importanti 'l quddiem fit-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli u newtrali għall-klima. L-UE tfittex li tintensifika l-kooperazzjoni tagħha mal-Ġordan biex taċċellera t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u tagħti spinta lill-politiki ta' rkupru ekoloġiku. Iż-żieda fil-kapaċitajiet ta' adattament għat-tibdil fil-klima u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, kif ukoll il-ġlieda kontra d-degradazzjoni ambjentali, ser ikunu prijoritajiet għal azzjoni konġunta fil-Ġordan. L-UE hija ħerqana li tkompli bl-impenn attiv fl-oqsma tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika (f'allinjament mal-istrateġija għas-Settur tal-Enerġija fil-Ġordan 2020-2030), l-interkonnessjonijiet tal-grilja elettrika reġjonali, u t-tranżizzjoni lejn ekonomija sikura u sostenibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju. L-UE tappoġġa t-tkabbir effiċjenti fir-riżorsi, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-aġenda tat-**tkabbir ekoloġiku** fil-Ġordan. L-UE ser issaħħaħ l-impenn strateġiku mal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali u s-settur privat biex tappoġġa l-iżvilupp ta' opportunitajiet ta' investment sostenibbli f'konformità mal-prijoritajiet nazzjonali. L-UE ser tikkoopera mal-Ġordan fit-trawwim ta' riċerka innovattiva u soluzzjonijiet ibbażati fuq l-għarfien dwar il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-promozzjoni tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, sikura u sostenibbli.

35. L-UE tappoġġa **l-integrazzjoni ambjentali** fi ħdan is-setturi tal-iżvilupp, b'mod partikolari fil-provvista tal-ilma, inkluż it-trattament u n-networks tal-ilma mormi, il-ġestjoni tal-iskart solidu u l-applikazzjonijiet għall-enerġija ekoloġika. Filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza tas-sigurtà tal-ilma fil-Ġordan, l-UE ttenni r-rieda tagħha li tikkoopera mal-Ġordan biex tkompli ttejjeb l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tal-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma u b'hekk l-appoġġ tagħha għall-Inizjattiva Tim Ewropa għal “Ġestjoni Sostenibbli tal-Ilma” u fi ħdan din l-inizjattiva, għall-implimentazzjoni tal-**proġett ta' Aqaba-Amman għad-Desalinazzjoni u l-Ġarr tal-Ilma** (AAWDC). L-UE hija sodisfatta bl-eżitu pożittiv tal-konferenza b'appell għal wegħdiet ta' donazzjonijiet tal-31 ta' Marzu għal dan il-proġett u, minbarra l-wegħda tagħha mħabbra f'din l-okkażjoni, hija tibqa' impenjata li tkompli tappoġġah. F'dan il-kuntest partikolari, l-UE tinkoraġġixxi l-ġestjoni tajba tal-ilma permezz ta' diversi riformi settorjali preċedenti jew konkorrenti biex jiġu żgurati l-effiċjenza u l-vijabbiltà tal-proġett: ir-riabilitazzjoni tal-grilja tal-ilma nazzjonali, ir-riforma tal-ipprezzar u r-riforma agrikola sabiex jitnaqqas l-iskart tal-ilma, u tinsab lesta li tappoġġa lil dawn l-attivitajiet. L-UE ttenni wkoll l-appoġġ tagħha għal proġetti reġjonali li jistgħu jkunu ta' benefiċċju wkoll għan-naħa Palestinjana fl-ispirtu li titrawwem il-kooperazzjoni reġjonali (eż. il-modernizzazzjoni tal-Pont tar-Re Hussein). L-UE tilqa' wkoll il-qbil tal-Ġordan li tiġi stabbilita l-"Pjattaforma ta' Investiment UE-Ġordan", forum għall-identifikazzjoni u t-ttejjija ta' proġetti ta' investiment futuri, f'konformità mal-prijoritajiet nazzjonali tal-Ġordan u f'koordinazzjoni ma' donaturi bilaterali u multilaterali li jippermetti wkoll lill-Ġordan jieħu vantaġġ sħiħ mill-opportunitajiet offruti taħt il-Pjattaforma ta' Investiment tal-Viċinat u s-sistema l-ġdida ta' garanziji tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (EFSD +).

### ***It-Tisħiħ tal-Governanza Tajba, l-Istat tad-Dritt , ir-Riforma Demokratika u r-Rispett għad-Drittijiet tal-Bniedem***

36. Ir-rispett għall-**prinċipji demokratiċi, il-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem** jikkostitwixxi wieħed mill-pilastru ewlenin tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ġordan. L-UE tkompli tagħti valur qawwi lid-djalogu kostanti fil-livell politiku u tal-uffiċjali għolja u ser tkompli tinkoraġġixxi u tappoġġa l-isforzi biex isir progress fl-istat tad-dritt, tissaħħaħ it-trasparenza u jiġu stabbiliti istituzzjonijiet effettivi u responsabbli, filwaqt li jiġu protetti u promossi d-drittijiet tal-bniedem għal kulħadd. L-UE tilqa' kooperazzjoni ulterjuri mal-Ġordan f'dan ir-rigward. L-UE tfaħħar l-isforzi li għaddejjin biex tiġi promossa sistema ġudizzjarja effettiva, indipendenti u li tiffunzjona tajjeb, li għandha tkompli, filwaqt li ser tkompli taħdem mal-Ġordan biex thegħeġġ l-espansjoni tas-sistema ta' għajnuna legali, filwaqt li tappoġġa wkoll ir-rwol tas-soċjetà ċivili fiha. L-UE ser tkompli tappoġġa lill-Ġordan fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Riforma Ġudizzjarja, inkluż billi tippromwovi l-interfaċċa bejn l-istat tad-dritt u s-sigurtà, u l-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali. Fid-dawl ta' dan, l-UE tissottolinja l-ħtieġa li jiġu żgurati t-trasparenza u s-salvagwardji legali fl-istadji kollha tal-proċessi kriminali, inkluż fil-qrati tas-Sigurtà tal-Istat iżda wkoll li jiġu introdotti salvagwardji legali meta tiġi applikata d-detenzjoni amministrattiva, filwaqt li tinnota l-ħtieġa li jiġi limitat l-użu tad-detenzjoni amministrattiva u li tiġi pprovduta sorveljanza ġudizzjarja f'każijiet bħal dawn.

37. L-UE tilqa' l-objettivi ppreżentati mit-tmexxija tal-Ġordan fir-rigward tal-modernizzazzjoni politika, **it-tisħiħ tar-rwol tal-Parlament** u l-promozzjoni ta' **sistema ta' partiti politiċi** fil-pajjiż. F'dan ir-rigward, l-UE tilqa' r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Irjali għall-Modernizzazzjoni tas-Sistema Politika u tinsab lesta li tappoġġa l-implimentazzjoni tagħhom kull fejn possibbli. L-UE tagħti importanza lill-inklużjoni taż-żgħażaġh u n-nisa u tinkoraġġixxi aktar sforzi biex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet ikunu rappreżentattivi bis-sħiħ. L-UE tinnotta l-importanza tal-parteċipazzjoni ċivika u politika u, f'dan ir-rigward, tilqa' l-adozzjoni ta' liġijiet dwar il-Partiti Politiċi u l-Elezzjonijiet u tistenna b'interess l-implimentazzjoni tagħhom; l-UE tinsab lesta li tappoġġa programmi ta' edukazzjoni ċivika f'kooperazzjoni mal-Ministeru għall-Edukazzjoni. L-UE tagħti importanza lis-salvagwardja tal-libertajiet ta' opinjoni, espressjoni, assoċjazzjoni u għaqda paċifika kif ukoll tar-rwol kritiku tal-media, il-ġurnalisti indipendenti u s-soċjetà ċivili. L-UE tinkoraġġixxi wkoll u tinsab lesta li tappoġġa r-reviżjoni tal-qafas legali rilevanti, inkluż il-Liġi dwar iċ-Ċiberkriminalità u l-Ordni jiet ta' Difiża sabiex ikunu konformi mal-istandards internazzjonali.

37bis. L-UE tilqa' l-istabiliment ta' kumitat biex jimmodernizza s-settur pubbliku u l-iskeda ta' żmien ambizzjuża stabbilita għall-iżvilupp ta' pjan direzzjonali sal-aħħar ta' Ġunju 2022. L-UE tinkoraġġixxi u tinsab lesta li tappoġġa l-iżvilupp ta' attivitajiet konkreti biex jittejjbu l-prestazzjoni tas-servizz pubbliku, l-effiċjenza u l-effettività tal-istituzzjonijiet pubbliċi u l-parteċipazzjoni pubblika. L-UE tilqa' wkoll id-djalogu li għaddej bejn l-awtoritajiet tal-Ġordan u l-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar l-identifikazzjoni ta' oqsma għat-tkabbir għal għadd ta' setturi ekonomiċi importanti bil-ħsieb li jiġi żviluppat Pjan ekonomiku komprensiv.

38. L-UE ttenni l-importanza li jiġi żgurat spazju sikur u abilitanti, kemm online kif ukoll offline, għas-soċjetà ċivili, il-media u l-ġurnalisti li jista' jikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-modernizzazzjoni tal-pajjiż, u tteġġeg lill-Ġordan jadotta qafas legali sod f'dan ir-rigward. Filwaqt li tiegħu nota tal-isfidi rrapportati li qed tiffaċċa s-soċjetà ċivili, l-UE tinkoraġġixxi u tibqa' impenjata li tappoġġa soċjetà ċivili b'saħħitha bħala kontribut għall-bini ta' soċjetajiet paċifiċi, ġusti, inklużivi u demokratiċi kif ukoll tappoġġa l-forniment ta' servizzi u s-sensibilizzazzjoni dwar l-isforz ta' modernizzazzjoni politika li għaddej. Filwaqt li tirrikonoxxi t-tħassib leġittimu tal-Ġordan dwar is-sigurtà u l-ġlieda kontra t-terroriżmu, u l-UE tibqa' tal-fehma li l-aħjar antidotu għar-radikalizzazzjoni u l-instabilità hu soċjetà miftuħa, inklużiva u reżiljenti fejn id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha jiġu promossi u protetti.

39. L-UE tteġġeg lill-Ġordan jimpenja ruħu biex ikompli jsaħħaħ il-qafas legali tiegħu sabiex ikun kompletament konformi mal-istandards tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Tortura, li l-Ġordan huwa parti minnha, inkluż permezz tal-kriminalizzazzjoni tal-forom kollha ta' tortura u trattament ħażin. L-UE tteġġeg lill-Ġordan biex jirratifika l-Protokoll Fakultattiv tal-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura, tappella lill-Ġordan biex ikompli jinvestiga l-każijiet allegati kollha ta' tortura u biex iħarrek lill-awturi tar-reati. L-UE tappella wkoll lill-Ġordan biex jimplementa r-rakkomandazzjonijiet tal-Eżami Perjodiku Universali (EPU) tiegħu.

40. L-UE tħeġġeġ lill-Ġordan biex jikseb aktar progress lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-kisba sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem għan-nisa u l-bniet u t-tishiġ tal-pożizzjoni tagħhom, kif ukoll l-eliminazzjoni tal-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru. F'dan il-kuntest, ninkoraġġixxu li ssir enfasi partikolari fuq iż-żwieġ tat-tfal, prekoċi u sfurzati, u l-“kustodja protettiva”, l-aċċess għall-ġustizzja għan-nisa u l-implimentazzjoni sħiħa ta' qafas legali li jipproteġi t-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem min-nisa u l-vittmi ta' vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru. L-UE tinsab lesta li tappoġġa l-Istrateġija Nazzjonali tal-Ġordan għan-Nisa u l-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali tiegħu għall-Implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà.

41. L-UE tfaħħar u tinsab lesta li tappoġġa l-isforzi tal-Ġordan biex iżomm koeżistenza reliġjuża paċifika. Hija tilqa' l-inizjattivi li ser ifittxu li jippromwovu l-multikulturaliżmu u d-diversità kulturali, li jikkostitwixxu wkoll eżempju pożittiv għar-reġjun kollu.

42. Għalkemm l-aħħar qtil sar f'Marzu 2017, l-UE jiddispijaċiha għall-interruzzjoni tal-moratorju de facto fuq il-**piena tal-mewt** fl-2014, u tistieden lill-Ġordan biex jerġa' jdaħħal il-moratorju bil-ħsieb li fl-aħħar mill-aħħar tiġi abolita l-piena tal-mewt.

43. L-UE tistenna b'interess ir-riforma tal-qafas legali u istituzzjonali tal-Ġordan relatat mad-dritt tal-bniedem għall-privatezza kif ukoll għall-protezzjoni tad-data, u tinsab lesta li tappoġġa l-isforzi tal-Ġordan għal dan l-għan.

### ***Implimentazzjoni tas-Sħubija għall-Mobbiltà bejn l-UE u l-Ġordan***

44. Il-migrazzjoni u l-mobbiltà huma kwistjoni trasversali fil-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Ġordan inkluż fil-kuntest tal-indirizzar tat-traffikar tal-bnedmin, b'mod partikolari tan-nisa u l-minorenni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. L-UE tilqa' l-inizjattivi meħuda fil-kuntest tas-Sħubija għall-Mobbiltà u tħeġġeġ l-esplorazzjoni attiva tal-opportunitajiet ta' aktar kooperazzjoni f'dan il-qafas. L-UE tilqa' l-fatt li f'Novembru 2016 bdew diskussjonijiet bilaterali dwar il-**faċilitazzjoni tal-viżi** u r-**riammissjoni** ta' persuni residenti mingħajr awtorizzazzjoni, u tinsab lesta biex tagħmel progress fil-proċess tan-negozjati bl-għan li jintlaħaq ftehim komprensiv.